# Il-Ħuttafa

## Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf



Numru 31
Marzu-April 1999

BirdLife MALTA

*Ħarġa Speċjali GreenWeek 99*

editorjal



# Ħuttaf

Il-Ħuttafa reġgħet bil-kulur! Kemm hu sabiħ il-kulur hux!

Tafu li ħafna annimali ma jarawx kulur? Il-mammiferi, per eżempju, (ħlief nies u xi xadini) jaraw id-dinja qisha televixin black-and-white! Klieb, qtates, żwiemel, baqar, ġrieden, dniefel, iljuni, ġiraffi eċċ. Kollox iswed, abjad u griż jaraw. Imsieken, hux!

Ara l-għasafar le! L-għasafar jaraw kuluri daqsna, anzi hemm minnhom li jaraw kuluri li lanqas aħna ma naraw. Dan għaliex biex jieklu, il-mammiferi m'għandhomx bżonn jagħrfu kuluri. Biex tiekol ħaxix, biex taqbad ċerv jew ġurdien m'għandekx bżonn tagħraf aħmar minn aħdar jew blu minn roża.

Imma l-għasafar għandhom bżonnu l-kulur, għax ħafna drabi minn hekk jagħrfu l-ikel tagħhom: jekk insett hux velenuż jew morr, jekk frotta hix misjura jew nejja, liema fjura għandha n-nektar. Bis-saħħa tal-vista bil-kulur, ħafna għasafar huma kuluriti sew, u saru jużaw il-kulur ta' rixhom biex jagħtu sinjali lil xulxin. Pitirross b'sider oranġjo jfisser: "Oj! Hawnhekk tiegħi: dħul mhux permess!"

victor

**Victor Falzon**
**Editur**







## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet ta' Malta | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 31 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq... il-BIES | paġ 5 |
| Riservi Naturali Maltin | paġ 6-7 |
| Għeżież Ġenituri... | paġ 8 |
| Attività | paġ 9 |
| Mill-Album | paġ 9 |
| Sajd, Sajd u Sajd | paġ 10 |
| Avviżi | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera: WIED QLEJGĦA | paġ 12 |


### Ritratt ta' Quddiem

Il-**Monakella** (little ringed plover), li għal dawn l-aħħar erba' snin bejjet fir-riserva ta' l-Għadira.

### Ritratt ta' Wara

**Wied Qlejgħa**, wied sabiħ fl-inħawi ta' l-iMtarfa, u wieħed mill-iktar popolari man-nies - u man-natura.

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**
Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorgu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57 Marina Court Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12 Tel 347646 Fax 343239**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li tissemma' BirdLife Malta u tintbagħat kopja tal-materjal lil BirdLife fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Marzu 1999

aħbarijiet

# "INVAŻJONI!"



**Is-16 ta' Jannar 1999 kienet ġurnata sħab. Ftit qabel l-4pm, iltqajna ħdejn Kastilja grupp ta' xi għoxrin ruħ. Tkellimna ftit minn taħt, imbagħad tqassamna malajr mad-dawra tal-Belt. Fis-skiet u l-kesħa kulħadd sab postu fuq is-swar. U hemmhekk, armati sa snienna, b'għajnejna msammrin lejn is-sema, bdejna nistennew l-invażjoni tibda...**

Dawk l-għoxrin ruħ konna berdwoċers u xi ħbieb. Konna armati bit-trombi, karti, lapes u arloġġ (u ġgieket u xalel!). U l-invażjoni kienet... taz-**Zizka Bojod**!

Iz-Zakak Abjad (pied wagtail) huwa għasfur li f'Malta narawh fix-xitwa. F'daż-żmien tas-sena, iz-Zizka jħobbu jorqdu fi gruppi ġo siġar kennija. Jdher li post favorit maz-zizka li jiġu Malta hija l-Belt Valletta, eżattament f'dawk l-għaxar siġriet tal-fikus li hemm fi Pjazza Assedju l-Kbir quddiem il-Qorti! U aħna tal-BirdLife xtaqna ngħodduhom. Dakinhar li ltqajna qgħadna nistennewhom deħlin jorqdu. U f'temp ta' nofs siegħa... **għoddejna 2247!**



## Ftit wara...

Ftit jiem wara din l-attività, smajna li proprju dawk l-għaxar siġriet kienu se jinżabru! BirdLife appellat ma' l-awtoritajiet, li fehmu s-sitwazzjoni, u aċċettaw li jħallu ż-żabra għal wara x-xitwa. Proprju biex ma jtellfux liz-zizka! Prosit!

**Jien u xi sħabi għaddejna minn fuq Malta dan l-aħħar, darba minnhom minn fuq ir-riserva ta' l-Għadira. Sparaw fuqi ħafna kawbojs-kaċċaturi, speċjalment minn fuq il-baħar. Qatlu ħafna minna...**



Paletta
(Spoonbill)

# *RADIO ĦUTTAF!!!*




Norman Chetcuti

**Prosit kbira lill-membri Ħuttaf Alvin u Clayton Borg. Prosit għaliex? Għax kull ħmistax dawn iż-żewġt aħwa qed jinstemgħu fuq ir-radju jaqraw siltiet mill-magażin Il-Huttafa! L-istazzjon huwa Radio Maria, u l-programm jismu Haversack. Dan ilhom jagħmluh minn Novembru li għadda. Prosit, boys. Grazzi wkoll lil Amanda Ciappara, preżentatriċi tal-programm.**

**In-Nutcracker (għasfur mir-razza taċ-ċawl) għandu memorja fenomenali. Dan kapaċi jaħbi fil-ħamrija 33 000 żerriegħa, imbagħad isibhom ftit ftit matul ix-xitwa, meta kullimkien ikun miksi borra!**



# Se tispiċċa l-batterija!

Ħafna mit-tiġieġ li nieklu jiġu mill-batteriji. Batterija hija fabrika fejn jitrabba t-tiġieġ ġewwa. Din it-trobbija ssir bl-aktar mod selvaġġ u inuman. Dawn l-imsejknin tiġieġ qatt ma jaraw id-dawl tax-xemx fil-ħajja qasira u miżera tagħhom, u jsofru ħafna torturi. Jitpoġġew f'numri kbar f'gallinari bl-art tal-wajer u mżerżqa. Biex ma jiġġildux jinqatgħalhom munqarhom! Imsomma, infern sħiħ. F'Malta wkoll għandna batteriji bħal dawn.

Issa smajna aħbar sura. Harġet ordni biex sas-sena 2009, il-batteriji kollha fil-pajjiżi ta' l-Ewropa se jkollhom jispiċċaw, u t-tiġieġ jibda jitrabba b'metodu aktar ħanin! Fl-aħħar, waħda tajba għat-tiġieġ!

## Waqaf ix-xogħol...

Ħdejn ix-xmara Thames ġewwa London tiela' bini mostruż biex jiċċelebraw is-sena 2000. Jismu l-Millennium Dome, u qed jiswa miljuni kbar ta' liri. Dan l-aħħar ix-xogħol fuq parti mill-bini kellu jieqaf. Għaliex? Spiċċawlhom il-flus?

Le, waqfu biex ma jfixklux bejta ta' Kudirross Iswed! Tgħid Malta għad naslu biex nuru daqshekk rispett lejn l-annimali?







# Kompetizzjoni 31

*Norman Chetcuti PuzzleGuy*



Ipprova daħħal l-ismijiet ta' dawn l-għasafar f'posthom fit-tisliba. Ara ġej...

| | |
|---|---|
| ARPA | BILBLA |
| AJKLA | GARDELL |
| PESPUS | ALWETTA |
| MARGUN | SPARVIER |
| BUFULA | STURNELL |
| KAPPUN | SPANJULETT |
| MERILL | |



X'ħin tlesti, ikkopja t-tisliba (jew ħu fotokopja tagħha) u ibgħatha, flimkien mad-dettalji tiegħek, lil:



3 punti

BirdLife Malta
57 Marina Court
Triq Rigord
Ta' Xbiex MSD 12



Ir-rebbieħ ta' KOMPETIZZJONI 30 huwa **Robert Cilia** minn Santa Venera. Robert jista' jiġi jiġbor il-ktieb *L-Agħsafar* miċ-Ċentru ta' BirdLife Malta f'Ta' Xbiex (9am-1pm). Importanti li jieħu miegħu l-membership card. It-tweġibiet tal-kompetizzjoni 30 kienu: Ballottra, Fenek, Nemes, Denfil, Baliena, Far, Qanfud, Monka, Bugeddum, Pipistrell, Gabdoll u Ġurdien.

**Ċans għandkom sa 10 Mejju 1999**

**MIN IQASQAS il-magażin jitlef iċ-ċans.**



# Il-Bies

**Fil-Gżejjer Maltin insibu madwar erbatax-il speċi ta' għasafar li jbejtu regolarment. Insibu wkoll speċi, bħall-Gamiema u l-iSpanjulett, li ta' kull sena jippruvaw ibejtu imma jispiċċaw jinqatlu. Fost dawn insibu wkoll il-Bies.**

jikteb **Mark-Anthony Falzon**

Il-Bies huwa għasfur kbir u b'saħħtu li jikkaċċja l-għasafar, anke tajr kbir bħal irsieset. Għandu titjira veloċi ħafna u kapaċi jinżel fuq il-priża b'saħħa tant kbira li din ħafna drabi tmut mill-ewwel. Meta nkunu berdwoċing, il-Bies nagħrfuh mid-daqs, mill-forma kompatta tal-ġwienaħ, denb qasir, u kulur ċar minn taħt.



L-ambjent Malti joffri ħabitat perfett għall-Bies. Dan għaliex il-Bies jippreferi jbejjet ma' l-irdumijiet, wieħed mill-ftit ambjenti sbieħ li baqgħalna f'Malta. Fl-antik, x'aktarx li l-Bies kien ibejjet f'ħafna postijiet madwar il-gżejjer tagħna.

Ftit ftit, imma, il-kaċċaturi rnexxielhom jeqirduh għal kollox u llum m'għadux ibejjet. Sa xi 20 sena ilu, kien għad baqa' par ibejjet regolarment ma' l-irdumijiet f'Ta' Ċenċ f'Għawdex. Dan l-aħħar par inqatel ukoll, x'aktarx minn fuq dingi. Illum il-Bies nistgħu narawh biss iġemma' t-trab, ibbalzmat f'xi vetrina!



**Il-Bies għandu għajnejn kbar u vista eċċellenti. Għandu wkoll munqar milwi ganċ u misnun biex bih iċarrat il-laħam.**

Il-Bies għandu postu fl-istorja ta' Malta. Fis-sena 1530 meta r-Re ta' Spanja Karlu Ħamsa għadda l-gżejjer Maltin f'idejn il-Kavallieri, dan rabathom li jagħtuh rigal ta' par Bies fis-sena. U fi żmien il-Gran Mastru Pinto, kien ukoll jintbagħat Bies lir-re tal-Portugall. Peress li f'dak iż-żmien il-Bies kien jintuża fil-falkunerija, dan kien rigal apprezzat ħafna. Minn dan naraw li f'Malta l-Bies kien ibejjet f'numri tajbin.

Numru żgħir ta' Bisien jidhru wkoll waqt il-passa, speċjalment fil-ħarifa. Kieku jħalluhom, dawn jibqgħu magħna u l-Bies jerġa' jibda jbejjet. Irdumijiet hawn kemm trid, u ikel ma jonqosx lanqas. Dan nistgħu ngħiduh ukoll għall-iSpanjulett, tajra tal-priża oħra li ta' kull sena tipprova tbejjet f'xi xifer jew ma' xi rdum kenni. U ma' dawn partita għasafar oħrajn.

**Għalhekk il-BirdLife dejjem tħambaq li l-kaċċa fir-rebbiegħa (żmien il-bejta) għandha tieqaf għal kollox.**



**Il-Bies jattakka b'mod li l-priża tiegħu ma tarahx ġej.**

# Riservi Naturali

Dawn huma l-postijiet f'Malti fejn il-kaċċa u l-insib huma kontra l-liġi s-SENA KOLLHA. Ma' dawn hemm ukoll l-ajruport, il-ġonna pubbliċi kollha u ċ-ċimiterji kollha.




BIRDLIFE MALTA 1999

# Maltin


Il-Buskett
11
Wied Għolliqa
13
L-Għammar
1
Kemmuna
5
IMPORTANTI
Ma tistax issir kaċċa minn fuq il-baħar sa bogħod ta' 3km mix-xatt!
Il-Ballut
18
Ta' Qali
10
Manoel Island
14
Ta' Lambert
4
Il-Marsa
16
7
8
9
10
11
12
13
14
15
16
17
18
19



# Għeżież Ġenituri...

*Għeżież Ġenituri,*

*Kif taraw, il-Huttafa rnexxielna għal darb'oħra nistampawha bil-kulur. Ix-xewqa tagħna hija li dan nagħmluh iktar spiss, halli uliedkom (u anke intom!) tgawdu magażin iktar ħaj u iktar sabiħ.*

*L-unika ħaġa li żżommna milli noħorġu l-Huttafa kull darba bil-kulur huma sempliċiment l-ispejjeż - dil-ħarġa qamitilna terz iktar mis-soltu!*

*Għalhekk nixtieq nappellalkom biex jekk għandkom xi stabbiliment, BirdLife tkun obbligata ħafna kieku tagħtuna xi riklam, żgħir kemm hu żgħir, biex inġibuh fil-magażin tagħna.*

*Jekk b'xi mod tistgħu tgħinuna f'dan ir-rigward, ċemplulna fuq 347646.*

*Grazzi ħafna.*



**Norman Chetcuti**
*Teżorier Klabb Huttaf*




All Day
Every Day
Mid-Med Bank
Services
**Available Here!**

Enjoy the freedom and convenience of direct banking, 24 hours a day, 7 days a week.

Simple to use and completely confidential, Mid-Med Direct allows you to carry out your banking from the comfort of your phone in Malta or abroad.

**Banking is simple with...** MID-MED DIRECT




**Try the service out on 493123 and phone 0800 77 44 44 for more details.**

# sejrin... Kemmuna




**Spanjulett** (kestrel) - ċans kbir li narawh

**10 punti**

## Dik il-gżira mrekkna bejn Malta u Għawdex tistħajjilha tarbija fessuda bejn missierha u ommha...

Bħal kull sena aħna ta' Klabb Ħuttaf se nagħmlu ħarġa (anzi tnejn) lejn din il-gżira fejn iż-żmien donnu waqaf. U nafu li ħafna minnkom tkunu qed tistennewha bil-ħerqa din l-attività. Għax wara kollox, ħarġa għal Kemmuna ma tinsihiex malajr.

Dati: **Ħarġa A - 25 April 1999**
**Ħarġa B - 2 Mejju 1999**
Prezz: **Żgħar: Lm1.25**
**Kbar: Lm1.75**
Aktar dettalji lil min japplika

- **Ibbukkjaw bit-telefon** (347646, ħinijiet: 9am-1pm) mhux aktar tard mit-**22 April**.
- **Aħsbu kmieni** - il-lanċa tieħu numru limitat ta' nies.
- **Tibagħtux flus** - ħallsu dakinhar tal-ħarġa stess.
- **Ġibu magħkom** ikel, xorb, beritta, nowtbuk, lapes, basket (l-aħjar minn dawk tad-dahar). U jekk għandkom, tromba u gajd.
- **Iġġibux** radjijiet, blalen, frisbees eċċ!

Fil-każ li jkun ħafna riħ u l-ħarġa titħassar, immorru nżuru r-riserva ta' l-Għadira.



**Tengħud tas-siġra** (tree spurge) - pjanta komuni fuq Kemmuna



Audrey Chetcuti



***Għeżież ġenituri...***
*Nixtiequ li ma jiġix aktar minn ġenitur wieħed minn kull familja. Dan kif tafu nagħmluh biex ikollna aktar post għall-membri oħrajn, peress li n-numru limitat. Membri taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir (+14) magħhom. Grazzi ħafna.*

**Kulħadd jippoża! Ħarġa Ħuttaf lejn Wied Qannotta - 21 Frar 1999**

**Qalb il-blat! Ħarġa Ħuttaf għall-Qammieħ - 14 Frar 1999**



Justin Vassallo

## mill-Album

# Sajd, Sajd u aktar Sajd!!!

*Elisabeth Conrad*











**Hemm tendenza li nħarsu lejn il-ħut bħala riżors li, nieħdu kemm nieħdu minnu, ma jispiċċa qatt. Imma llum-il ġurnata qed nindunaw li l-ħut huwa riżors mhedded, u minn sena għall-oħra qiegħed dejjem jonqos.**

Ir-raġunijiet għall-overfishing huma ħafna. Kien hemm żieda fid-**domanda min-nies**, u s-sajjieda ppruvaw jaqbdu aktar ħut. Sabu **teknoloġiji ġodda**. Bnew vapuri tas-sajd ikbar ħalli jġorru iktar xbiek u biex idumu ġimgħat u xhur fuq il-baħar. Bl-għajnuna tas-satelliti u r-radar, is-sajjieda llum isibu fejn hemm l-iktar ħut.



Id-domanda għall-ħut wasslet ukoll biex il-ħut **jinqabad dejjem iktar u iktar żgħir**. B'hekk il-ħut ma jilħaqx jikber u jkollu ż-żgħar, bir-riżultat li l-ħut sparixxa minn ħafna nħawi .

Il-ħajja hija katina. Jekk ħolqa tal-katina tinqata', tinqata' l-katina kollha! U hekk qed jiġri. Fejn il-ħut naqas, **bdew jonqsu l-annimali li jieklu l-ħut**. Fost dawn hemm tajr tal-baħar bħal sul u ċief. Kolonji sħaħ ta' dawn sfaxxaw fix-xejn minn ħafna nħawi fid-dinja. Naqsu wkoll mammiferi bħal foki u dniefel.

Saru xi attentati biex jiġu stabbiliti kwoti li jillimitaw il-numru ta' ħut li kull sajjied jista' jaqbad. Imma ġara li xi sajjieda bdew iżommu biss il-ħut ta' prezz tajjeb, u **jitfgħu l-oħrajn mejtin lura l-baħar**. Per eżempju fl-iStati Uniti, huwa stmat li għal kull kilo gambli li jinqabad, 4kg ħut u ħlejjaq oħrajn jintremgħu lura l-baħar. Din hija ħela tremenda.

Il-problema ta' l-overfishing wasslet ukoll biex sajjieda bdew ifittxu metodi oħrajn ta' kif jistadu, anke jekk dawn huma illegali. Per eżempju hemm min qed **juża splussiv** biex joqtol il-ħut. Din hija problema, speċjalment f'postijiet bħall-Filippini, fejn hemm sikek tal-qroll (coral reefs). Bil-kimika u l-isplussiv imut mhux biss il-ħut, imma jmut ukoll il-qroll.

Hemm gvernijiet - bħall-Kanada - li ma jammettux li huwa tort tas-sajd esaġerat li l-ħut qed jonqos. Allura qed **iwaħħlu fil-foki** li qed jiklulhom il-ħut! L-istess jgħidu l-Messikani fuq id-dniefel! Anke sajjieda Maltin tisma' jgħidu dawn l-affarijiet. U bl-iskuża ta' dan, jibdew jimmassakraw il-foki u d-dniefel!

Il-problema ta' l-overfishing mhix faċli biex issolviha għax **hija problema globali** li teħtieġ ftehim bejn pajjiżi differenti. Imma hemm bżonn li ssir xi ħaġa malajr.

**Wara kollox, jekk l-affarijiet isiru bil-galbu bla ma ħadd jitħanzer, huwa stmat li l-ħut kapaċi jitma' d-dinja kollha bla ma jinqered hu.**


Victor Falzon



## Il-Ħuttafa tas-Sena

Dawn huma l-ħames membri li bħalissa qegħdin fuq quddiem nett fit-tellieqa għall-Ħuttafa tas-Sena!

| | |
|---|---|
| Jurgen Pavanello | 73 |
| Alvin Borg | 35 |
| Clayton Borg | 35 |
| Dawn Costa | 31 |
| Stephanie Calleja | 20 |

## *Lm1.75c biss!*



## membru + membru

Dawn huma l-Ħuttaf li daħħlu membri ġodda fil-Klabb f'Jannar u Frar 1999.

**Kyrtle A Bugeja**
**Luke Caruana**
**Alfred Buhagiar**
**Jonathan Farrugia**
**Jurgen Pavanello**
**Dawn Costa**
**Earl Vella**




# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf

## u lilek nibagħtulek...



- **Tliet pitazzi ta' l-għasafar u**
- **Stiker bil-kulur ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta fi ftit ġranet. **Garanzija!**



**DETTALJI tal-MEMBRU GDID**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Postcode ____________________

Data tat-Twelid ____________________

Telefon ____________________

**Ftakar ukoll li għal kull membru li ddaħħal, inti tieħu 8 punti fl-iskema Ħuttafa tas-Sena**






**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Postcode ____________________

Telefon ____________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57 Marina Court Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ


BirdLife
MALTA
Wied il-Qlejgħa